MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2011

Talba Numru. 844/2009

**Go p.l.c.**

**Vs**

**Emanuel Fava**

***It-Tribunal***,

Ra l-Avviz tas-socjeta’ attrici fejn talbet lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut jhallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ seba’ mija u tmienja u sittin Ewro u erbgha u tlettin centezmu (€768.34), ammont huwa dovut lis-socjeta’ attrici in konnessjoni mas-servizz ta’ telekomunikazzjoni li jgib in-numru S/C 4894 9CN 1027166, AC 40063764), skond diversi kontijiet mibghuta lilu.

Illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex ighaddi ghall-hlas, izda baqa’ inadempjenti.

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet legali.

Mal –Avviz gew mehmuza :

IZY 1 prospett ghas-servizz bl-akkont numru 40063764 (S/C 4894)
IZY 2 ftehim dwar is-servizz ta’ telekomunikazzjoni S/C 4894

Ra r-risposta tal-konvenut li eccepixxa illi t-talbiet tas-socjeta’ attrici ghandhom jigu michuda kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt.

Illi minghajr pregudizzju l-ammont dovut huwa preskritt skond il-Ligi,

Illi, l-ammont mitlub huwa gia’ mhallas u dan bir-rata precedenti ta’ qabel 2005.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta’ attrici.

Ra x-xhieda ta’ Emanuel Fava li jghid li kien hallas kull kont li kellu pendenti mas-socjeta’ attrici. Kien ircieva zewg kontijiet , wiehed datat 10 ta’ Jannar, 2006 u l-iehor datat 30 ta’ Jannar, 2006, flimkien ma’ ittra minghand certa Alison Beach, li kienet infurmatu li b’dawn iz-zewg kontijiet, is-socjeta’ attrici kienet qed titlob arretrati li jmorru lura ghas-sena 2004.

Jinsisti li kien hallas il-kontijiet li kien ircieva minn Dicembru, 2004 sa’ Jannar, 2006.
Sakemm ircieva l-atti ta’ dina l-kawza, qatt ma kien sema’ xejn minghand is-socjeta’ attrici.

Ra x-xhieda ta’ Dr. Ingrid Zammit Young, in rapprezentanza tas-socjeta’ attrici, li kkonfermat li l-ammont kien ghadu dovut.

Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra

Il-konvenut qajjem l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, izda minkejja li ma ddentifax taht liema disposizzjoni tal-Ligi qed jikkontempla l-preskrizzjoni, t-Tribunal jassumi li qed issir referenza ghall-preskrizzjoni kwinkwennali.

Mill-provi prodotti jidher li l-kontijiet li fuqhom is-socjeta' attrici qed titlob il-hlas, kienu jmorru lura ghal Dicembru, 2004.

Kien hemm interpellanza da parti tas-socjeta' attrici fil-kontijiet li ntbaghtu fis-sena 2006, fejn gie ndikat li l-kontijiet kienu jirreferu ghall-arretrati mis-sena 2004.

Mill-atti tal-process, jirrizulta li l-kawza nfethet fis-6 ta' Ottubru, 2009 u ghalhekk mhux pruvat li l-azzjoni odjerna hija preskritta, liema eccezzjoni, ghalhekk, qed tigi respinta bl-ispejjes kontra l-eccipjent.

Dwar it-tieni eccezzjoni, l-konvenut jinsisti li kien hallas dan l-ammont pretiz, izda bir-rata ta' qabel 2005.
Is-socjeta' attrici, pero' esebit ittra fejn jirrizulta li kien hemm l-uzu tad-diversi mezzi ta' korrispondenza sabiex is-*subscribers* tas-socjeta' attrici jkunu jafu bit-tariffi godda li kellhom jigu implementati mill-1 ta' Dicembru, 2004.

Il-konvenut isemmi li qatt ma kien sema' xejn dwar dawn it-tariffi u lanqas ma gab prova li kien ircieva xi ittra jew ra l-internet, izda s-socjeta' attrici prroduciet dokumentazzjoni, li biha nfurmaw lill-konvenut li kienu ser jigu introdotti tariffi godda sa' mis-6 ta' Marzu, 2006.

It-Tribunal, ghalhekk, soddisfatt minn din il-prova, jasal ghal konkluzjoni li l-konvenut mhux gustifikat meta jsostni li ma kienx jaf b'dawn it-tariffi u jinsisti li hallas skond ir-rati li kienu japplikaw normalment.

Il-fatt huwa li ma gab ebda prova sabiex jikkonvinci lil dan it-Tribunal, li kien hemm xi nuqqaasijiet da parti tas-socjeta' attrici, jew li hu ma kienx debitament avzat li ma kienx hallas il-kontijiet tieghu bit-tariffi l-godda.

Ghalhekk billi il-provi tas-socjeta attrici human soddisfacjenti dan it-Tribunal ser jkollu jichad t-tieni eccezzjoni ukoll.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' seba' mija u tmienja u sittin Ewro u erbgha u tlettin centezmu (€768.34), ammont dovut lis-socjeta' attrici in konnessjoni mas-servizz ta' telekomunikazzjoni li jgib in-numru S/C 4894 9CN 1027166, AC 40063764), skond diversi kontijiet mibghuta lilu.

Bl-ispejjez kollha u bl-imghax kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------